

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)
> [Romania](#)

Qrati ordinarji nazzjonali

Il-kontenut ipprovdut minn
Rumanija

Rumanija



Din il-paġna tipprovdilek informazzjoni dwar il-qrati ordinarji Rumani.

Introduzzjoni għas-sistema ġudizzjarja tar-Rumanija

Is-sistema ġudizzjarja tar-Rumanija għandha l-istruttura li ġejja:

Il-qrati tal-ġustizzja u l-uffiċċji tal-prosekutur

L-ewwel livell

1. Qrati distrettwali (176)
2. Uffiċċji tal-prosekutur

It-tieni livell

1. Tribunali (42)
2. Tribunali Speċjali (3)
3. Tribunal għat-Tfal u l-Kwistjonijiet tal-Familja (1)
4. Uffiċċji tal-prosekutur

It-tielet livell

1. Qrati tal-appell (15)
2. Uffiċċji tal-prosekutur

Ir-raba' livell

1. Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja
2. Uffiċċju tal-Prosekutur

- Is-sistema ġudizzjarja tar-Rumanija tikkonsisti fil-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja u l-qrati ġudizzjarji l-oħrajn.

Il-Qrati

Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja

Bħala l-ogħla qorti fir-Rumanija, hija l-unika istituzzjoni ġudizzjarja bis-setgħa li tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tal-liġi mill-qrati l-oħra. Il-proċedura prinċipali biex jintlaħaq dan hija r-reviżjoni fl-interess tal-liġi.

Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja għandha erba' sezzjonijiet li kull waħda għandha l-ġurisdizzjoni tagħha:

- Sezzjoni Ċivili I;
- Sezzjoni Ċivili II;
- Sezzjoni Kriminali;
- Sezzjoni Amministrattiva u tal-Kawżi Fiskali.

Sezzjonijiet oħrajn tal-qorti suprema, li għandhom il-ġurisdizzjonijiet tagħhom, huma l-erba' bordijiet ta' ħames imħallfin, is-Sezzjonijiet Konġunti, il-bord dwar ir-reviżjonijiet fl-interess tal-liġi, u l-bord dwar il-kjarifika ta' ċerti kwistjonijiet ġuridiċi.

Is-Sezzjoni Ċivili I, is-Sezzjoni Ċivili II, u s-Sezzjoni Amministrattiva u tal-Kawżi Fiskali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, jisimgħu rikorsi għal reviżjoni ta' sentenzi mogħtija minn qrati tal-appell u deċiżjonijiet oħra tal-qrati, kif previst mil-liġi, u rikorsi għar-reviżjoni kontra sentenzi mhux finali jew atti ġudizzjarji ta' kwalunkwe natura li ma jistgħux jiġu appellati bi kwalunkwe mod ieħor, u li fil-każ tagħhom il-proċedimenti legali quddiem qorti ta' appell ġew interrotti.

Bħala qorti tal-ewwel istanza, is-Sezzjoni Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tisma':

1. il-kawżi u r-rikorsi mressqa quddiem il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja li huma bil-liġi taħt il-ġurisdizzjoni tagħha fl-ewwel istanza;

Bħala qorti tal-ewwel istanza, is-Sezzjoni Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tisma' kawżi li jinvolvu reati ta' tradiment għoli, reati mwettqa minn senaturi, deputati, u membri Rumani tal-Parlament Ewropew, minn membri tal-Gvern, minn imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali, minn membri tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, minn imħallfin tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja u minn prosekuturi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur assoċjat mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja.

2. rikorsi għal reviżjoni kontra sentenzi f'kawżi kriminali mogħtija, fl-ewwel istanza, minn qorti tal-appell u mill-Qorti tal-Appell Militari;
3. rikorsi għal reviżjoni kontra sentenzi f'kawżi kriminali mogħtija, fl-ewwel istanza, minn qorti tal-appell, mill-Qorti tal-Appell Militari u mis-Sezzjoni Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja;
4. rikorsi għal reviżjoni kontra sentenzi mhux finali jew atti ġudizzjarji ta' kwalunkwe natura li ma jistgħux jiġu appellati bi kwalunkwe mezz ieħor u li fil-każ tagħhom il-proċedimenti ġudizzjarji quddiem qorti tal-appell ikunu ġew interrotti;
5. appelli kontra sentenzi kriminali finali, kif ipprovdut mil-liġi;
6. talbiet għal deċiżjoni preliminari sabiex jiġu ċċarati ċerti kwistjonijiet legali;
7. kunflitti ta' ġurisdizzjoni, fejn tkun l-ogħla qorti komuni fuq qrati konfliġġenti;
8. talbiet għal rinviju mill-qorti kompetenti tal-appell lil qorti oħra tal-appell;
9. każijiet oħra pprovduti mil-liġi.

Il-bordijiet ta' ħames imħallfin

Skont l-Artikolu 24 tal-Att Nru 304/2004, ippubblikat mill-ġdid, kif emendat, u ssupplimentat sussegwentement, il-bordijiet ta' ħames imħallfin jisimgħu rikorsi għar-rieżami ta' sentenzi mogħtija, fl-ewwel istanza, mis-Sezzjoni Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, appelli kontra s-sentenzi mogħtija f'appell, mill-bordijiet ta' ħames imħallfin wara l-ammissjoni inizjali, rikorsi għar-rieżami ta' konklużjonijiet mogħtija, fl-ewwel istanza, mis-Sezzjoni Kriminali tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, kawżi dixxiplinari skont il-liġi u kawżi oħrajn riferuti lilhom u li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom skont il-liġi, u rikorsi għar-rieżami ta' sentenzi li jiċċdu r-rinviji lill-Qorti Kostituzzjonali, li jingħataw minn bord ieħor ta' ħames imħallfin. Skont l-Artikolu 51(3) tal-Att Nru 317/2004, ippubblikat mill-ġdid, il-bordijiet ta' ħames imħallfin jisimgħu rikorsi għar-rieżami kontra sentenzi mogħtija mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura f'materji dixxiplinari.

Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tiltaqa' bħala Sezzjonijiet Konġunti għal dawn li ġejjin:

1. it-trattament ta' rinviji rigward bidliet fil-ġurisprudenza tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja;
2. ir-riferimenti lill-Qorti Kostituzzjonali sabiex din tivverifika l-kostituzzjonalità tal-liġijiet qabel ma jiġu promulgati.

Il-Qorti tal-Appell

Il-qorti tal-appell fir-Rumanija huma mmexxija minn President, li jista' jkun assistit minn Viċi-President wieħed jew minn żewġ Viċi-Presidenti.

Qorti tal-appell għandha sezzjonijiet speċjalizzati jew bordijiet għal:

- kawżi ċivili,
- kawżi kriminali,
- kawżi li jinvolvu t-tfal u l-kwistjonijiet tal-familja,
- kawżi li jinvolvu tilwim amministrattiv jew fiskali,
- kawżi relatati ma' tilwim industrijali u s-sigurtà soċjali, kumpaniji, ir-Reġistru tal-Kummerċ, l-insolvenza, il-kompetizzjoni inġusta, u kwistjonijiet oħrajn, u
- kwistjonijiet marittimi u tax-xmajjar.

Il-15-il qorti tal-appell għandhom personalità ġuridika u kull qorti tkopri l-ġurisdizzjoni ta' diversi tribunali (madwar 3).

F'materji ċivili, il-qorti tal-appell jisimgħu il-kawżi li ġejjin:

bħala qorti tal-ewwel istanza, huma jisimgħu rikorsi relatati ma' tilwim amministrattiv u fiskali, skont id-dispożizzjonijiet legali speċjali;

bħala qorti tal-appell, huma jisimgħu appelli kontra sentenzi mogħtija minn tribunali fl-ewwel istanza;

bħala qorti ta' rieżami, huma jisimgħu r-rikorsi għal rieżami kontra sentenzi mogħtija minn tribunali f'appell jew kontra sentenzi mogħtija fl-ewwel istanza minn tribunali li, skont il-liġi, mhumiex soġġetti għal appell, u fi kwalunkwe każ ieħor espressament previst mil-liġi.

F'materji kriminali, il-qorti tal-appell jisimgħu l-kawżi li ġejjin.

Bħala qorti tal-ewwel istanza:

- ir-reati msemmija fl-Artikoli 394-397, 399-412 u 438-445 tal-Kodiċi Kriminali;
- reati relatati mas-sigurtà nazzjonali tar-Rumanija, kif previst mil-liġijiet speċjali;
- reati mwettqa minn imħallfin ta' qorti distrettwali jew tribunal, u minn prosekuturi tal-uffiċċji tal-prosekuturi marbuta ma' dawk il-qorti;
- reati mwettqa minn avukati, nutara, uffiċjali ġudizzjarji tal-infurzar jew awdituri tal-Qorti tal-Kontabilità, u awdituri pubbliċi esterni;
- reati mwettqa minn mexxejja ta' denominazzjonijiet reliġjużi organizzati skont il-liġi u figuri reliġjużi oħra ta' grad għoli, li għandhom mill-inqas il-grad ta' isqof jew l-ekwivalenti;
- reati mwettqa minn assistenti maġistrati tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, imħallfin ta' qorti ta' appell u tal-Qorti tal-Appell Militari, u prosekuturi tal-uffiċċji tal-prosekutur marbuta ma' dawk il-qorti;
- reati mwettqa minn membri tal-Qorti tal-Kontabilità, mill-President tal-Kunsill Leġislattiv, mill-Ombudsman, mill-viċi ombudsmen u mill-Kwesturi;
- rikorsi għal rinviu lil ġurisdizzjoni oħra, kif previst mil-liġijiet.

Bħala qorti tal-appell, huma jisimgħu appelli kontra sentenzi kriminali mogħtija minn qorti u tribunali distrettwali fl-ewwel istanza.

Il-qorti tal-appell jiddeċiedu wkoll dwar kunflitti ta' ġurisdizzjoni bejn tribunali jew qorti distrettwali fiż-żona ta' ġurisdizzjoni tagħhom, jew bejn qorti distrettwali fil-ġurisdizzjoni ta' tribunali differenti fiż-żona ta' ġurisdizzjoni ta' qorti tal-appell.

Il-qorti tal-appell jiddeċiedu wkoll dwar talbiet għall-estradizzjoni jew it-trasferiment barra l-pajjiż ta' persuni kkundannati.

Tribunali

It-42 [tribunal nazzjonali](#) għandhom personalità ġuridika, u huma organizzati fil-livell tal-kontea. Il-qasam ta' ġurisdizzjoni ta' kull tribunal ikopri l-qrati distrettwali kollha fil-kontea li fiha jinsab it-tribunal.

It-tribunali għandhom sezzjonijiet speċjalizzati jew bordijiet għal:

- kawżi ċivili,
- kawżi kriminali,
- kawżi li jinvolvu t-tfal u l-kwistjonijiet tal-familja,
- kawżi li jinvolvu tilwim amministrattiv jew fiskali,
- kawżi relatati ma' tilwim industrijali u s-sigurtà soċjali, kumpaniji, ir-Reġistru tal-Kummerċ, l-insolvenza, il-kompetizzjoni inġusta, u kwistjonijiet oħrajn, u
- kawżi li jinvolvu kwistjonijiet marittimi jew tax-xmajjar.

F'materji ċivili, it-tribunali jisingħu l-kawżi li ġejjin

Bħala qrati tal-ewwel istanza, it-tribunali jisingħu r-rikorsi kollha li bil-liġi mhumiex fil-ġurisdizzjoni ta' qrati oħrajn.

Bħala qrati tal-appell, huma jisingħu appelli kontra sentenzi mogħtija minn qrati distrettwali fl-ewwel istanza.

Bħala qrati ta' rieżami, huma jisingħu r-rikorsi għar-rieżami kontra sentenzi mogħtija minn qrati distrettwali, li, skont il-liġi mhumiex soġġetti għal appell, u fi kwalunkwe każ ieħor previst espressament mil-liġi.

F'materji kriminali, it-tribunali jisingħu l-kawżi li ġejjin

Bħala qrati tal-ewwel istanza:

- reati kontra l-ħajja, l-integrità personali u s-saħħa, reati kontra l-libertà personali, reati serji ta' qerda ta' proprjetà, reati li pproduċew konsegwenzi estremament serji, traffikar ta' immigranti, tortura, korruzzjoni u reati ta' servizzi, żvelar ta' intelligence sigrieta tal-Istat, żvelar ta' intelligence sigrieta ta' servizzi jew mhux pubblika, akkwist illegali ta' fondi, miżappropriazzjoni, nuqqas ta' konformità mar-reġim ta' materjali nukleari jew materjali radjuattivi oħrajn, in-nuqqas ta' konformità mar-reġim ta' splussivi, it-trażmissjoni tas-sindromu akkwistat tad-defiċjenza tal-immunità, reati kontra s-sigurtà u l-integrità tas-sistemi tal-informazzjoni u tad-*data*, l-istabbiliment ta' grupp kriminali organizzat;
- reati b'intenzjoni li jirriżultaw fil-mewt ta' persuna;
- reati li l-prosekuzzjoni tagħhom tmexxiet mid-Direttorat għall-Investigazzjoni tal-Kriminalità Organizzata u tar-Reati tat-Terroriżmu (*Directia de Investigare a Infracțiunilor de Criminalitate Organizată*) jew id-Direttorat Nazzjonali kontra l-Korruzzjoni, sakemm ma jkunux bil-liġi fil-ġurisdizzjoni ta' qrati oġhla;
- reati li jinvolvu l-ħasil tal-flus u l-evażjoni tat-taxxa skont l-Artikolu 9 tal-Att Nru 241/2005 għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa, kif emendat sussegwentement;
- reati oħra li skont il-liġi jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

It-tribunali jiddeċiedu dwar il-kunflitti tal-ġurisdizzjoni bejn il-qrati distrettwali fil-qasam ta' ġurisdizzjoni tagħhom, u r-rikorsi għar-rieżami kontra sentenzi mogħtija minn qrati distrettwali fil-kawżi previsti mil-liġi.

Il-qrati distrettwali

Il-qrati distrettwali ma għandhomx personalità ġuridika, u huma stabbiliti fil-kontej nazzjonali u f'Bucharest.

F'materji ċivili, il-qrati distrettwali jisingħu primarjament il-kawżi li ġejjin:

- rikorsi li, skont il-Kodiċi Ċivili, huma fil-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-kustodja u l-familja, esklużi l-kawżi fejn il-liġi tistipula espressament mod ieħor;
- rikorsi relatati mar-reġistri tal-istatus ċivili, skont il-liġi;
- rikorsi relatati mal-amministrazzjoni ta' bini b'ħafna sulari, appartamenti jew spazji li jappartjenu esklużivament lil persuni differenti, jew ma' relazzjonijiet ġuridiċi stabbiliti minn assoċjazzjonijiet tas-sidien tad-djar ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi oħrajn, kif applikabbli;

- rikorsi għal żgumbrament;
- rikorsi li jirreferu għal ħitan jew trinek komuni, id-distanza bejn il-bini jew il-pjantaġġuni, id-dritt ta' passaġġ, u kull impediment jew limitazzjoni li jaffettwaw id-dritt għall-propjetà kif stipulat bil-liġi, miftiehma mill-partijiet jew imposti minn qorti;
- rikorsi relatati mal-bidliet fil-konfini jew mal-immarkar tal-konfini;
- rikorsi għall-protezzjoni tal-proprietà;
- rikorsi relatati ma' obbligi biex jitwettqu jew biex ma jitwettqux azzjonijiet li ma jistgħux jitqiesu f'termini ta' flus, irrispettivament minn jekk humiex ibbażati fuq kuntratt jew le, esklużi dawk li huma bil-liġi fil-ġurisdizzjoni ta' qrati oħra;
- rikorsi għal dikjarazzjoni mill-qorti tal-mewt ta' persuna;
- rikorsi għal diviżjoni ġudizzjarja, irrispettivament mill-valur involut;
- rikorsi fi kwistjonijiet ta' wirt, irrispettivament mill-valur involut;
- rikorsi għall-pussess li jikkawża preġudizzju, ikun xi jkun il-valur involut;
- rikorsi f'materji ta' dritt għaż-żamma ta' art, esklużi dawk li b'liġi speċjali huma fil-ġurisdizzjoni ta' qrati oħra;
- kwalunkwe rikors ieħor li jista' jiġi espress f'termini ta' flus, sa u inkluż RON 200 000, irrispettivament minn jekk il-partijiet għandhom l-istatus ta' professjonisti jew le.

Barra minn hekk, il-qrati distrettwali jisimgħu appelli kontra d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-amministrazzjoni pubblika lokali b'ġurisdizzjoni lokali u korpi oħra b'din il-ġurisdizzjoni, fil-każijiet previsti mil-liġi, u kwalunkwe rikors ieħor li bil-liġi huwa fil-ġurisdizzjoni tagħhom.

F'materji kriminali, il-qrati distrettwali jisimgħu primarjament il-kawżi li ġejjin:

B'mod ġenerali, kull tip ta' reat, ħlief għal dawk li bil-liġi għandhom jinstemgħu fl-ewwel istanza mit-tribunali, il-qrati tal-appell jew il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja.

Informazzjoni siewja dwar dawn il-qrati tista' tinstab fuq [il-Portal tal-Qrati miżmum mill-Ministeru tal-Ġustizzja Rumen](#).

Bażijiet tad-*data* legali

Il-bażijiet tad-*data* legali li ġejjin huma disponibbli online:

- Il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja tippubblika l-ġurisprudenza tagħha fis-[sit web](#) tagħha stess;
- il-qrati jipubblikaw sommarji tas-sentenzi tagħhom fuq il-Portal tal-Qrati. Pereżempju, ara s-[sommarji tas-sentenzi maħruġa mill-Qorti tal-Appell ta' Bucharest](#);
- il-bażi tad-*data* legali li hija proprjetà tal-Kunsill Leġiżlattiv Rumen u li tiġi amministrata minnu, [Il-ġurisdizzjoni tal-Qrati - ir-Rumanija](#)

L-aħħar aġġornament: 24/02/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.